# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 16**

**Rikors numru 116/23/3 LM**

**Jeffrey Cassar**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tar-rikorrent minn sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fid-29 ta' Novembru 2023 u sabet li l-użu fil-proċeduri kriminali kontrih tal-istqarrija minnu mogħtija lill-Pulizija, fi żmien meta l-liġi ma kinitx tagħti lis-suspettat dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni, mhux leżiv tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-"Kostituzzjoni"] u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem [il-"Konvenzjoni"].

## Preliminari

2. Il-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri kienu dawn:

2.1. Fl-10 ta' Diċembru 2015 ir-rikorrent ġie mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li fit-13 ta' Novembru, 2015 u fil-ġranet ta' wara, kien approprja ruħu jew dawwar bi profitt għalih jew għal terzi minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet fdata jew ikkonsenjata lilu taħt ċirkostanzi li jindikaw li hemm l-obbligu tar-radd tal-ħaġa;

2.2. B'sentenza tal-20 ta' Ġunju, 2022 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma sabitux ħati tal-akkużi[1];

2.3. L-Avukat Ġenerali appella u b'sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru, 2022 il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) sabitu ħati ta' wħud mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu (approprjazzjoni indebita u li kien reċidiv). Il-Qorti kkundannatu għall-piena karċerarja effettiva ta' tmintax-il xahar.

[1] Fol. 85 *et seq*. tal-proċess kriminali.

3. Ir-rikorrent fetaħ din il-kawża fid-19 ta' Diċembru 2023 u ilmenta illi sabiex kien hemm sejbien ta' ħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), saru żbalji legali li wasslu biex ġew ikkunsidrati provi li huma legalment inammissibbli u li ma kellhom l-ebda piż probatorju, senjatament l-istqarrija minnu mogħtija lill-Pulizija mingħajr ma ngħata d-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju. Talab għalhekk lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex:

> *"1. Tiddikjara l-aġir tal-intimati jew min minnhom, illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom; u*
>
> *2. Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidrilha xierqa skont il-liġi u ċirkostanzi tal-każ".*

4. Permezz ta' tweġiba ppreżentata fil-11 ta' April 2023 l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat wieġbu illi: <u>in linea preliminari</u> r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih u li l-Avukat Ġenerali mhijiex leġittimu kontradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju; u <u>fil-mertu</u> l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

5. B'sentenza mogħtija fid-29 ta' Novembru 2023 [is-"sentenza appellata"] il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet billi:

> *"1) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati, u tgħaddi sabiex tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tagħhom;*

> *2) Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent u ssib li ma kien hemm l-ebda leżjoni tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*
>
> *Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrent".*

6. Fid-19 ta' Diċembru 2023 ir-rikorrent appella mis-sentenza u ilmenta illi l-Ewwel Qorti naqset milli tqis is-sottomissjonijiet magħmula minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet u li żbaljat meta ħelset lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju u sabet li ma kienx hemm ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu. Talab għalhekk lil din il-Qorti sabiex:

> *"tħassar tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) presjeduta mill-Onor. Imħallef L. Mintoff fl-ismijiet premessi datata 29 ta' Novembru 2023 u konsegwentement tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati".*

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

7. Il-mertu tal-<u>ewwel aggravju</u> hu dwar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> *"6. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent isostni li huwa l-fatt li tidħol fis-seħħ il-liġi tal-inferenza f'każ li s-suspettat jagħżel li jkellem avukat tal-għażla tiegħu, li jammonta għal leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Però l-Qorti tirrileva li fir-rikors promutur, ir-rikorrent sostna li l-ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [hawnhekk 'il-Kostituzzjoni'] u bl-artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali [hawnhekk 'il-Konvenzjoni Ewropea'], seħħ ladarba il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) sabiex waslet għal sejbien ta' ħtija, ikkunsidrat stqarrija rilaxxata mir-rikorrent meta ma kienx assistit minn avukat tal-għażla tiegħu. Id-difiża tal-intimati hija mibnija fuq din il-kawżali li fuqha r-rikorrent ibbaża l-azzjoni tiegħu, u huma l-premessi u t-talbiet kif ifformulati fir-rikors promutur li jsawru l-azzjoni intentata mir-rikorrent fil-*

> *kawża tiegħu. Il-Qorti tqis illi n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent tmur lilhinn mill-premessi u t-talbiet tiegħu fir-rikors promotur. Għaldaqstant il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-eċċezzjonijiet tal-intimati fid-dawl tal-premessi u t-talbiet imressqa mir-rikorrent fir-rikors promotur".*

8. Fl-appell tiegħu, ir-rikorrent jikkonċedi illi fin-nota tiegħu '*wessa ftit aktar*'. Jinsisti iżda li finalment l-ilment xorta baqa' dwar l-istqarrija li għamel matul l-investigazzjoni bi ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Qal li hu ta l-istqarrija għaliex f'dak iż-żmien il-liġi kienet tgħid li jekk huwa ma jweġibx wara li jkun ikkonsulta ma' avukat, dan seta' jittieħed inkonsiderazzjoni kontra tiegħu. Jinsisti li l-Ewwel Qorti, fil-vesti kostituzzjonali tagħha, kienet munita bil-poter li tqis l-ilment kif imfisser fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu u li dan ma kien se jkun ta' l-ebda preġudizzju għall-intimati għaliex kellhom l-opportunità jirribattu għalhekk fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom.

9. L-intimati da parti tagħhom wieġbu illi l-Ewwel Qorti għamlet sew meta kkonkludiet li m'għandhiex tqis lanjanzi ġodda li jeżorbitaw mil-lanjanza kif imfissra fir-rikors promotur. Qalu wkoll illi bħala stat ta' fatt ir-rikorrent għażel li ma jkellimx avukat qabel ma ta l-istqarrija tiegħu u għalhekk ma setgħat issir ebda inferenza, u fil-fatt ma saritx.

10. Fir-rikors promotur ir-rikorrent rabat l-allegat ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq mal-fatt illi l-istqarrija tiegħu '*ittieħdet mingħajr mar-rikorrent ngħata d-dritt illi jkollu l-avukat tal-għażla tiegħu preżenti għal*

*matul tali stqarrija kif ukoll in vista tal-fatt illi tali staqrrija kienet effettivament kkunsidrata ai fini ta' sejbien ta' ħtija".* Hu fatt li l-kwistjoni tal-inferenza ma ssemmietx fil-premessi tar-rikors promotur.

11. Madankollu, hekk kif ser jingħad aktar 'il quddiem, illi l-liġi dwar l-inferenza kienet parti mill-qafas regolatorju ta' dak iż-żmien. Għalhekk, kellu jitqies sabiex il-Qorti tiddetermina jekk, fin-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tat-teħid tal-istqarrija, kienx hemm *overall fairness* fil-proċeduri kriminali[2].

12. Għalhekk tilqa' l-ewwel aggravju u tiddikjara li ser tikkunsidra l-kwistjoni dwar l-inferenza meta ser tikkunsidra t-tielet aggravju.

13. Qabilha iżda, sejra tiġi deteriminata l-eċċezzjoni preliminari mertu tat-tieni aggravju, ċjoè jekk l-Avukat Ġenerali hijiex leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Dwar dan l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi:

> *"8. Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari tagħhom, l-intimati jgħidu li l-Avukat Ġenerali mhijiex leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti fehmet li l-Avukat Ġenerali ġiet imħarrka bħala parti f'dawn il-proċeduri għaliex kienet hi li intavolat l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), li eventwalment sabet lir-rikorrent ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Minkejja dan, ċertament li l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ma kinitx regolata mill-Avukat Ġenerali, u għalhekk kwalunkwe ilment da parti tar-rikorrent maħsub biex jolqot il-mod kif tmexxew il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) m'għandhiex twieġeb għalih l-Avukat Ġenerali. Fi kwalunkwe każ, il-preżenza tal-Avukat tal-Istat in*

[2] **Beuze v. Il-Belġju** deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u **Carmel Joseph Farrugia v. Malta** deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem [QEDB] fl-4 ta' Ġunju 2019.

*rappreżentanza tal-Gvern Malti fi proċeduri ta' din ix-xorta hija suffiċjenti in vista ta' dak li jipprovdi għalih l-artikolu 181B (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

> *"(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

*Għal din ir-raġuni, din l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati sejra tiġi milqugħa".*

14. L-intimati wieġbu illi d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija korretta għaliex skont l-Artikolu 181B(2) tal-Kap. 12 ir-rappreżentanza legali tal-Gvern tispetta lill-Avukat tal-Istat. Jgħidu wkoll l-allegat nuqqas ta' dritt ta' smigħ xieraq huwa attribbwit lill-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali u mhux lill-Avukat Ġenerali.

15. Dwar min għandu jwieġeb f'kawżi ta' din ix-xorta ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Oliver Agius v. L-Onorevoli Prim Ministru**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Settembru, 2016 fejn ingħad:

> *"Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradittturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xi ħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;"*

16. F'dan il-każ, l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kien tal-Avukat Ġenerali. Ir-rikorrent ilmenta *inter alia* li l-istqarrija li ta lill-Pulizija *"..... kienet effettivament ikkunsidrata ai fini ta' sejbien ta' ħtija...."*. Evidenti li qiegħed jimpunja s-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Għalhekk ġaladarba l-appell kien tal-Avukat Ġenerali, hu għandu leġittimazzjoni passiva f'din il-kawża.

17. Għalhekk tilqa' t-tieni aggravju tar-rikorrent.

18. It-tielet aggravju tar-rikorrent huwa fil-mertu. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti f'dak ir-rigward kienu dawn:

> *"9. L-intimati jeċċepixxu wkoll li l-artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea li r-rikorrent qiegħed jinvoka l-protezzjoni tagħhom, huma maħsuba biex jassiguraw is-smigħ xieraq lir-rikorrent, u dawn id-drittijiet ma jagħtux il-jedd li suspettat ikun assistit minn avukat qabel jew matul ir-rilaxx tal-istqarrija tiegħu. Il-Qorti tirrileva li skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, biex jiġi eżaminat jekk persuna ngħatatx smigħ xieraq, trid tkun eżaminata t-totalità tal-proċeduri u mhux mument jew istanza partikolari tagħhom. Xi drabi lanqas fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet irregolarità fil-proċeduri, ma ġie stabbilit li hemm ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, aħseb u ara fejn il-proċedura titmexxa skont il-liġi stabbilita kif applikabbli fiż-żmien rilevanti. Hekk fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***Scicluna Gregorio sive Godwin vs. Avukat Ġenerali et****, ingħad illi:*
>
> > *"Biex jiġi determinat jekk hemmx vjolazzjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq, il-valutazzjoni jew l-apprezzament ma għandux isir fuq xi inċident jew fattur iżolat f'dawk il-proċeduri iżda invece għandu jsir fil-konfront tal-proċess kollu, fl-assjem tiegħu."*
>
> *10. Fil-każ odjern ir-rikorrent ingħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi viġenti fiż-żmien rilevanti, ingħata d-debiti twissijiet, ġie infurmat bid-drittijiet tiegħu, inkluż bid-dritt tas-silenzju, u kien hu li għażel li jirrilaxxa stqarrija fejn qal li ma setax jirritorna l-ġojjelli fdati fil-pussess tiegħu*

*għaliex dawn insterqu minn terza persuna li huwa kien f'relazzjoni magħha bil-moħbi tat-tfajla tiegħu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet li ma kinitx qiegħda temmen din l-istqarrija, anki minħabba nuqqas ta' provi li jsostnu din il-verżjoni tar-rikorrent, u użatha bħala waħda mir-raġunijiet li abbażi tagħhom ir-rikorrent instab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Meta persuna tkun qiegħda tiffaċċja akkużi ta' natura kriminali, smigħ xieraq ifisser li l-proċess jingħalaq fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi, kif imfisser fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet* ***Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali****:*

> *"14. Din il-qorti ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet."*

*11. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Ibrahim u oħrajn v. Ir-Renju Unit****, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, qalet:*

> *"250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see O'Halloran and Francis v. The United Kingdom [GC], nos 15809/,2 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Taxquet v. Belgium [GC], no. 926/05, §84, ECHR 2010; and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).*
>
> *251. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings …*
>
> *…*
>
> *262. The Court accordingly reiterates that in assessing whether there has been a breach of the right to a fair trial it is necessary to view the proceedings as a whole, and the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves. The*

> *absence of compelling reasons does not, therefore, lead in itself to a finding of a violation of Article 6 of the Convention."*

> *12. Fil-każ odjern l-istqarrija tar-rikorrent ma kinitx l-unika prova li saħħet il-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) dwar il-ħtija tar-rikorrent meta ġiet biex tagħti d-deċiżjoni tagħha, għaliex kien hemm għadd ta' provi oħra li ġew meqjusa. Il-kuntest li fih seħħ dan kollu kien li r-rikorrent ta l-istqarrija tiegħu b'mod volontarju u mingħajr ma kien imġiegħel jagħmel dan, anzi stqarr li l-ġojjelli fdati fil-pussess tiegħu kienu nsterqu minn terza persuna sabiex jiġġustifika għalfejn naqas milli jmur lura fil-ħanut biex jirritorna dak li ma kienx ser iżomm u jħallas tiegħu, u għalhekk ir-rikorrent ħaseb li r-rilaxx ta' dik l-istqarrija kien ser jgħin il-każ tiegħu. Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent kellu d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu qabel l-interrogazzjoni, u kif jirriżulta mill-atti, ingħata d-debiti twissijiet skont il-liġi. Kif ġustament jirrilevaw l-intimati, mill-kopja tal-fedina penali tiegħu esebita fl-atti, ma jirriżultax lanqas li r-rikorrent kien persuna vulnerabbli, għaliex din ma kinitx l-ewwel darba li xellef difru mal-ġustizzja. Jirriżulta wkoll li l-garanziji kollha li jipproteġu l-jedd għal smigħ xieraq kienu kollha fis-seħħ, u r-rikorrent kien assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu tul il-proċess kollu, salv meta rrilaxxa l-istqarrija tiegħu. Jirriżulta wkoll li minkejja li r-rikorrent kellu kull opportunità jikkontesta l-ammissibbilità tal-istqarrija tiegħu matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), huwa naqas milli jagħmel dan. Ir-rikorrent kellu wkoll opportunità jagħmel il-kontro-eżamijiet tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, liema kontro-eżamijiet jirriżulta li saru, u għalhekk ċertament li ma jistax jargumenta li huwa kien imċaħħad minn smigħ xieraq sempliċement għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) sabet ħtija, billi jirriżulta li din id-deċiżjoni l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) waslet għaliha wara li kkunsidrat dak li qalu għadd ta' xhieda u diversi provi ċirkostanzjali oħra. Fil-każ odjern kien hemm ukoll l-interessi tas-soċjetà u tal-vittmi x'jiġu mħarsa, u għalhekk din il-Qorti tqis li meta wieħed jikkonsidra jekk il-proċeduri meħuda fit-totalità tagħhom kinux tali li pprovdew smigħ xieraq lir-rikorrent, il-konklużjoni għandha tkun li ma kien hemm l-ebda leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq".*

19. Ir-rikorrent jilmenta illi għalkemm f'ħafna każijiet proċess irid jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu, hemm ċertu leżjonijiet li tant huma importanti li għandhom jitqiesu waħedhom. Jgħid li d-dritt ta' assistenza ta' avukat waqt l-investigazzjoni huwa dritt li jaqa' taħt id-drittijiet minimi stabbiliti fl-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni u għalhekk m'hemmx għalfejn li wieħed

joqgħod iqis kwistjonijiet bħall-vulnerabbilità tal-individwu. Lanqas ma jaqbel li l-Qorti tal-Appell Kriminali straħet fuq provi oħra apparti l-istqarrija tiegħu. Finalment jgħid li ta' importanza kbira huwa l-mod ta' kif ingħata t-twissija għaliex kieku għażel li jkellem avukat qabel ma rrilaxxja l-istqarrija tiegħu, fejn ma jweġibx seta' jittieħed kontra tiegħu.

20. L-intimati tennew illi d-dritt għal smigħ xieraq għandu jiġi kkunsidrat billi jittieħed qies tat-totalità tal-proċeduri fl-intier tagħhom u mhux f'mument partikolari jew episodju iżolat. Jissottomettu illi l-appellat ma kienx kompletament imċaħħad aċċess għall-avukat matul l-istadju tal-*pre-trial* u ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi ta' dak iż-żmien, *ossia*, id-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel il-bidu tal-interrogazzjoni. Kienet għażla tiegħu li ma jipprevalix minn dak id-dritt. Inoltre ġie nfurmat bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket. Jirreferu mbagħad għall-każ ta' **Jean Marc Dalli v. Kummissarju tal-Pulizija et** deċiż fil-31 ta' Mejju 2023 u l-każijiet tal-QEDB fl-ismijiet **Beuze v. Belgium** u **Farrugia v. Malta**, u jsostnu li r-rikorrent ma kienx persuna vulnerabbli meta ta l-istqarrija lill-Pulizija u kien hemm salvagwardji biżżejjed sabiex jiggarantixxu l-*overall fairness* tal-proċeduri. Jgħidu finalment li l-ħtija tal-appellant ġiet determinata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nnifisha u mhux minn ġurati.

21. Tassew, il-ġurisprudenza tal-QEDB illum tagħraf illi l-fatt waħdu li suspettat ma jkunx ingħata l-possibilità li jkun assistit minn avukat tal-

fiduċja tiegħu matul l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li jkun ġie vjolat id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Wieħed irid iżda jqis l-*overall fairness* tal-proċeduri:

> *"120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see Ibrahim and Others, cited above, § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings ...*
>
> *121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. In evaluating the overall fairness of the proceedings, the Court will take into account, if appropriate, the minimum rights listed in Article 6 § 3, which exemplify the requirements of a fair trial in respect of typical procedural situations which arise in criminal cases. They can be viewed, therefore, as specific aspects of the concept of a fair trial in criminal proceedings in Article 6 § 1 ...*
>
> *122. Those minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 are, nevertheless, not ends in themselves: their intrinsic aim is always to contribute to ensuring the fairness of the criminal proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, cited above, §§ 251 and 262, and Correia de Matos, cited above, § 120)."*[3]

22. In **Farrugia v. Malta**[4] the ECHR reiterated that:

> *"99. ... In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below.*
>
> *(i) Concept of compelling reasons*

[3] Beuze v. Belgium, application no. 71409/10.
[4] Application no. 63041/13.

*100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143).*

*(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test*

*101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145).*

*102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146).*

*103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).*

*(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list*

*of factors, drawn from the Court's case law, should, where appropriate, be taken into account:*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150)".*

23. Meta r-rikorrent ta l-istqarrija fil-21 ta' Novembru 2015, kellu 31 sena[5] u dik ma kinitx l-ewwel darba li xellef diffrejh mal-ġustizzja[6]. Provi li kien vulnerabbli m'hemmx.

[5] Fol. 12 tal-proċess kriminali.
[6] Fol. 13 *et seq*. tal-proċess kriminali.

24. Dak iż-żmien il-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) kien *inter alia* jipprovdi illi:

> *"**355AT.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux iktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu ...*
>
> *...*
>
> *(9) Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma jkollhiex għajnuna legali, l-uffiċjal investigatur għandu jagħmel notament bil-miktub dwar dan fil-preżenza ta' żewġ xhieda u malli dan tista' tinbeda l-interrogazzjoni minnufih.*
>
> ***355AU.** (1) Meta fi proċeduri kontra persuna għal xi reat, tingħata xiehda li l-akkużat –*
>
> *(a) f'kull waqt qabel ma jkun ġie akkużat bir-reat, meta jkun qed jiġi interrogat mill-Pulizija li jkunu qed jippruvaw jikxfu jekk ir-reat ikunx sar u min ikun għamlu, jkun naqas milli jsemmi xi fatt li huwa jserraħ fuqu fid-difiża tiegħu f'dawk il-proċeduri; jew*
>
> *(b) meta jkun qed jiġi akkużat bir-reat jew ikun qed jiġi uffiċjalment mgħarraf li jista' jiġi mħarrek dwaru, jkun naqas milli jsemmi dak il-fatt,*
>
> *li jkun fatt li fiċ-ċirkostanzi li jkunu jeżistu f'dak il-waqt l-imputat seta' raġonevolment jkun mistenni li jsemmi meta jkun ġie hekk interrogat, akkużat jew mgħarraf, skont il-każ, għandu japplika is-subartikolu (2) jekk jintwera li l-imputat kien irċieva parir legali qabel ma jkun ġie interrogat, akkużat jew mgħarraf kif hawn aktar qabel imsemmi.*
>
> *(2) Meta dan is-subartikolu jkun japplika -*
>
> *(a) Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja li tkun qed tagħmel deċiżjoni taħt l-artikolu 401(2),*
>
> *(b) il-qorti jew il-ġuri, meta jkunu qed jiddeċiedu jekk persuna akkużata jew imputata tkunx ħatja tar-reat li bih tkun ġiet akkużata,*

*tista' tagħmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bħalma jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistgħux waħedhom jitqiesu bħala prova ta' ħtija iżda jistgħu jitqiesu bħala li jammontaw għal korroborazzjoni ta' kull xiehda ta' ħtija tal-persuna akkużata jew 0imputata.*

*(3) Fi proċeduri kriminali kontra xi persuna għal xi reat il-prosekuzzjoni ma għandhiex, ħlief bil-permess tal-Qorti għal raġunijiet li jidhrilha xierqa, tikkummenta dwar il-fatt li dik il-persuna ma kinetx talbet l-assistenza ta' avukat jew prokuratur legali fil-kors tal-investigazzjonijiet mill-pulizija qabel dawk il-proċeduri".*

25. Fattwalment jirriżulta illi:

25.1. qabel ma rrilaxxja l-istqarrija tiegħu, ir-rikorrent ġie nfurmat bid-dritt li jieħu parir ta' avukat tal-għażla tiegħu[7];

25.2. kien ir-rikorrent li għażel li ma jitkellimx ma' avukat qabel il-Pulizija interrogawh[8];

25.3. qabel ma saritlu l-interrogazzjoni ngħata s-segwenti twissija:

*"li m'inix obbligat li nirrispondi għad-domandi li ser isiruli, iżda dak kollu li ser ngħid jitniżżel kollox bil-miktub u jista' jinġieb bħala prova.*

*Qed niġi avżat li għandi dritt biex inkellem avukat jew PL tal-għażla tiegħi u f'każ li inkelmu l-liġi tal-inferenza tidħol fis-seħħ, fil-fatt għażilt li nieħux parir legali".*

25.4. huwa wieġeb għad-domandi li sarulu:

*"volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi. Hija l-verità u wara li qrajtha jien stess, nistqarr li ma rrid inżid jew innaqqas jew inbiddel xejn minnha u nagħżel li niffirmaha".*

---

[7] Fol. 29 tal-proċess kriminali.
[8] Fol. 29 tal-proċess kriminali.

26. Fil-kors tal-kawża kriminali ma saret l-ebda allegazzjoni jew prova li r-rikorrent ta l-istqarrija minħabba li ġie mġiegħel jew imwieġħed xi ħaġa.

*27.* Ir-rikorrent jilmenta iżda li t-twissija li tawh il-Pulizija qabel bdiet l-interrogazzjoni kienet difettuża għaliex jekk ikkomunika ma' avukat *"…. kienu joħolqu żewġ ċirkostanzi preġudikali għalih li huma s-segwenti:*

> *"1) Illi jekk huwa kien jingħata parir biex ma jweġibx waqt l-istqarrija allura din il-fattur seta' jittieħed in konsiderazzjoni kontra tiegħu.*
>
> *2) Jekk huwa jkun qed jagħmel l-istqarrija u jkun hemm l-avukat miegħu u ma jweġibx għal ċerti domandi xorta waħda dan il-fatt seta' jittieħed in konsiderazzjoni kontra tiegħu"*.

28. Fl-ewwel lok meta r-rikorrent ta l-istqarrija ma kienx jeżisti d-dritt li s-suspettat ikollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni. Fit-tieni lok, mhuwiex veru li kieku tkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni u ngħata parir biex ma jweġibx għad-domandi tal-Pulizija, dak il-fatt seta' jittieħed inkonsiderazzjoni kontra tiegħu. Fiż-żmien rilevanti l-liġi ma kinitx tgħid hekk. L-inferenza mill-Qorti setgħet issir biss jekk matul l-interrogazzjoni s-suspettat ikun naqas milli jsemmi fatt li matul il-kawża jistrieħ fuqu fid-difiża. Dak ma kienx il-każ tar-rikorrent. Apparti l-fatt li l-inferenza waħedha ma kinitx biżżejjed biex tinstab ħtija fl-akkużat.

29. Il-Qorti żżid tosserva wkoll li:

i. matul il-kawża kriminali r-rikorrent kieku ried kellu kull opportunità li jikkontesta l-awtentiċità tal-istqarrija, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet. Ħaġa li m'għamilx minkejja li tul il-proċeduri kriminali kien assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu;

ii. matul il-kawża kriminali ma rtirax jew biddel dak li qal fl-istqarrija;

iii. L-apprezzament tal-provi sar minn Imħallef;

30. Ovvjament l-apprezzament tal-provi kellu jsir, kif fil-fatt sar, mill-Qorti tal-Appell Kriminali, li kellha wkoll tiddeċiedi jekk f'dan il-każ kienx hemm l-elementi tar-reat kriminali ta' approprijazzjoni indebita. Fil-fatt dak l-eżerċizzju sar u din il-Qorti m'għandhiex il-kompitu li toqgħod tistħarreġ ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali biex tiddeċiedi taqbilx jew le mad-deċiżjoni ta' dik il-Qorti.

31. Mid-depożizzjoni ta' sid il-ħanut irriżulta:

i. X'kienu l-oġġetti tad-deheb li tah sabiex, kif qallu, jurihom lit-tfajla u lil nanntu (ara wkoll dokument datat 13 ta' Novembru 2015 mehmuż mat-traskrizzjoni tad-depożizzjoni fl-atti tal-kawża kriminali). Il-prezz

tal-oġġetti kien €4,554 u kieku xtrahom u ħallas il-prezz kien ikun imraħħas għal €3,870.

ii. Li r-rikorrent ma kienx ħallas għall-oġġetti tad-deheb minkejja li kien iċempillu u ma rritornax l-oġġetti ħlief għal ċurkett li minfloku kien ingħata ieħor.

32. Għalkemm l-istqarrija tressqet mill-prosekuzzjoni bħala prova u ssemmiet fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, f'dan il-każ xehed sid il-ħanut li ta l-verżjoni tiegħu dwar dak li ġara bejnu u r-rikorrent. Hu evidenti li l-Qorti tal-Appell Kriminali emmnet il-verżjoni li ta dak ix-xhud. Hu fatt ukoll li ma jirriżultax li x-xhud qal xi affarijiet li ma kkonvinċewx lil dik il-Qorti. Lanqas ma ssemmew provi li jikkontradixxu dak li qal ix-xhud. Li hu ċert hu li r-rikorrent ingħata numru ta' oġġetti tad-deheb minn sid il-ħanut biex jurihom lit-tfajla u lil nanntu u ma rritorna xejn lura minnhom, minkejja li sid il-ħanut ripetutament ikkomunika mar-rikorrent sakemm imbagħad fil-21 ta' Novembru 2011 għamel rapport mal-Pulizija.

33. Saħansitra fis-seduta tad-19 ta' Diċembru 2016 li saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ir-rikorrent iddikjara li kien ser jirritorna ċ-ċurkett u l-imsielet sal-aħħar ta' Marzu, filwaqt li l-kumplament ser iħallsu permezz ta' ħlas ta' €200 kull xahar. Dikjarazzjoni li għamel volontarjament fil-preżenza tal-avukat li dak iż-

żmien kien jippatroċinah. Irriżulta wkoll li fil-mori tal-kawża kriminali r-rikorrent għamel ħlasijiet lil sid il-ħanut (ara f'dan ir-rigward il-verbali tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Diċembru 2017, 15 ta' Jannar 2018, 23 ta' April 2018, 15 ta' Ottubru 2018, 4 ta' Frar 2019, 11 ta' Marzu 2019 u 2 ta' Diċembru 2019). Imbagħad kien fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2019 li sid il-ħanut iddikjara li kienet għadha dovuta s-somma ta' €2,120. Ħlasijiet li r-rikorrent għamel waqt l-istadju tal-provi tiegħu.

34. Mis-sentenza stess hu altru milli evidenti li l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha biżżejjed provi biex issib lir-rikorrent ħati tar-reat ta' approprijazzjoni indebita irrispettivament minn dak li r-rikorrent seta' qal fl-istqarrija. Għalhekk l-istqarrija ma kinitx prova kruċjali sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali ssib ħtija fir-rikorrent.

35. Għalhekk fil-mertu l-ilment tar-rikorrent hu infondat.

<u>Deċiżjoni</u>.

Għal dawn il-motivi tilqa' biss l-ewwel u t-tieni aggravji sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq dwar l-istess, u tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tħassar dik il-parti li laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-intimati u tiċħad

l-istess. Tiċħad il-kumplament tal-appell tar-rikorrent u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata.

Spejjeż tal-appell jinqasmu inkwantu għal tliet kwarti (¾) a karigu tar-rikorrent u kwart (¼) a karigu tal-intimati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm